MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 426/2010

**Anthony Mercieca**

**vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat l-20 ta' Ottubru, tas-sena 2010 li permezz tieghu ir-rikorrenti Anthony Mercieca sejjah lill-Awtorita` intimata fuq indikata, quddiem din il-qorti sabiex twiegeb ghat-talba tieghu biex din il-qorti tichad il-pretensjonijiet dedotti kontra tieghu mill-imsemmija Awtorita` ntimata permezz tal-ittra ufficcjali taghha datata s-16 ta' Settembru tas-sena 2010:

Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata datata l-15 ta' Novembru, tas-sena 2010, li permezz taghha, ghar-

ragunijiet hemm premessi, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rapprezentant legali tal-Awtorita` intimata;

Innotat li r-rapprezentant legali tar-rikorrenti ghazel li jirrimetti ruhu;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna taf l-origini taghha ghall-ittra ufficcjali tal-Awtorita` ntimata datata s-16 ta' Settembru tas-sena 2010, fejn l-istess Awtorita` intimat lir-rikorrenti Merceieca biex ihallasha l-ammont minnha hemm indikat talli naqas li jhallas il-licenzja dovuta fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE – 283 kienet skadiet fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2002;

Illi r-rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi hu kien biegh il-vettura in dizamina f'Ottubru tas-sena 2001 lil certu Victor Cassar, illum decedut;
2. Illi konsegwenza ta' dan in-negozju jallega wkoll li iffirma l-"log book" tal-vettura de quo u rrilaxxa l-istess dokument f'idejn l-imsemmi akkwirent;
3. Illi minn dak inhar sal-procedura odjerna jsostni li ma kellu x'jaqsam xejn aktar mal-imsemmija vettura;

Ikkunsidrat;

Illi ai fini ta' trasferiment ta' vettura japplika dak stabbilit mill-artikolu 26 tal-Kap 65 li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

1. Sid li jbiegh jew b’xi mod jitrasferixxi l-jedd tieghu fuq vettura li ghaliha tkun tirreferixxi l-licenzja ghandu jaghti avviz ta’ l-istess lill-Awtorita`;

2. Dawn ghandhom ukoll jipprezentaw lill-istess Awtorita` il-licenzja biex jitnizzlu il-partikolaritajiet involuti;

Ikkunsidrat:

Illi minn investigazzjoni relattiva jirrizulta is-segwenti:

1. Illi l-vettura in dizamina kienet ilha registrata f’isem ir-rikorrenti mis-26 ta’ Marzu tas-sena 2001;

2. Illi l-ahhar licenzja valida fuq l-istess vettura skadiet fit-30 ta’ Novembru tas-sena 2002;

3. Illi l-arretrati dovuti ghall-licenzja de quo jammontaw ghal tlett mija, disgha u erbghin Ewro u erbghin centezmu, (€349.40);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li l-ahhar li r-rikorrenti hallas il-licenzja dovuta kien sat-30 ta’ Novembru tas-sena 2002;

Illi minn dik id-data sad-data tal-ittra ufficcjali in dizamina r-rikorrenti baqa’ ma ottemporax ruhu ma’ l-obbligi legali tieghu ai termini ta’ l-artikolu 26 tal-Kap 65;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ppruvax it-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement anke wara li rat l-artikolu 57 tal-istess Kap 65, tiddikjara li r-rikorrenti Anthony Mercieca ghandu jitqies li fil-perjodu in

dizamina hu kien responsabbli lejn l-Awtorita` intimata ghall-hlas tal-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja de quo, u konsegwentement, tichad it-talba tar-rikorrenti Anthony Mercieca, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------